PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2144(INI)

8.12.2008

EMENDI
1 - 34

Abbozz ta' rapport
Roberta Angelilli
(PE414.011v01-0)

bi proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal
(2008/2144(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Roberta Angelilli
Proposta għal rakkomandazzjoni
Ċitazzjoni 6 a (ġdida)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Protokoll mhux Obbligatorju (2000) għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU rigward il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal,

Or. en

Emenda 2
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Premessa A a (ġdida)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	Aa. billi disa' Stati Membri għadhom ma ffirmawx il-Konvenzjoni CoE u tmien Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Protokoll mhux Obbligatorju għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal,

Or. en

Emenda 3
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt a

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(a) li jħeġġeġ ***lill-Istati*** Membri kollha	(a) li jħeġġeġ ***lil dawk l-Istati*** Membri

sabiex jiffirmaw ***u*** jirratifikaw il-Konvenzjoni CoE billi din tipprovdi protezzjoni addizzjonali għad-drittijiet tat-tfal *lilhinn* mid-Deċiżjoni Qafas ***u tista', għalhekk, issaħħaħ it-trattamwent tal-isfruttament sesswali tat-tfal mhux biss fi ħdan l-Unjoni Ewropea iżda wkoll f'kooperazzjoni ma' dawk il-pajjiżi ġirien li rratifikaw il-konvenzjoni;***	kollha ***li għadhom m'għamlux dan*** sabiex jiffirmaw***,*** jirratifikaw ***u jimplimentaw il-konvenzjonijiet internazzjonali kollha relevanti , l-ewwel fosthom*** il-Konvenzjoni CoE billi din tipprovdi protezzjoni addizzjonali għad-drittijiet tat-tfal *lil hinn* mid-Deċiżjoni Qafas***, iżda wkoll il-Protokoll mhux Obbligatorju għall-Konvenzjoni tan-NU rigward il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal,***

Or. en

Emenda 4
Renate Weber

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt b

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(b) li jgħin lill-Istati Membri fit-titjib tal-leġiżlazzjoni tagħhom ***minħabba li varjazzjonijiet fl-età tal-kunsens sesswali f'pajjiżi differenti jostakolaw l-iżviluppp ta' strumenti legali komuni dwar l-isfruttament tat-tfal*** kif ukoll il-kooperazzjoni extraterritorjali fost l-Istati Membri f'dan il-qasam;	(b) li jgħin lill-Istati Membri fit-titjib tal-leġiżlazzjoni tagħhom kif ukoll il-kooperazzjoni extraterritorjali fost l-Istati Membri f'dan il-qasam;

Or. en

Emenda 5
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt b

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(b) li jgħin lill-Istati Membri fit-titjib tal-leġiżlazzjoni tagħhom minħabba li varjazzjonijiet fl-età tal-kunsens sesswali	(b) li jgħin lill-Istati Membri fit-titjib tal-leġiżlazzjoni tagħhom minħabba li varjazzjonijiet fl-età tal-kunsens sesswali

f'pajjiżi differenti jostakolaw *l-iżviluppp* ta' strumenti legali komuni dwar l-isfruttament tat-tfal kif ukoll il-kooperazzjoni extraterritorjali fost l-Istati Membri f'dan il-qasam;	f'pajjiżi differenti jostakolaw *l-iżvilupp* ta' strumenti legali komuni dwar l-isfruttament tat-tfal kif ukoll il-kooperazzjoni extraterritorjali fost l-Istati Membri f'dan il-qasam; ***jappella sabiex ir-reati sesswali fuq it-tfal taħt 18-il sena jiġu dejjem ikklassifikati madwar l-UE bħala sfruttament ta' minuri, skont ir-riżoluzzjoni misjuba fir-rapport "Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal";***

Or. sv

Emenda 6
Jean Lambert

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt c

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(c) li jiffaċilita lill-Istati Membri sabiex jeskludu speċifikament ir-rekwiżit ta' kriminalità doppja biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 7
Renate Weber

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt c

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(c) li jiffaċilita lill-Istati Membri sabiex jeskludu speċifikament ir-rekwiżit ta' kriminalità doppja biex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 8
Renate Weber

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt c a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	(ca) li jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkriminalizzaw kull tip ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 9
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt d a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	(da) li jappella għal protezzjoni effettiva kontra l-isfruttament tat-tfal billi t-turiżmu sesswali tat-tfal jiġi kkunsidrat bħala reat kriminali f'kull Stat Membru; jappella biex kull ċittadin tal-UE li jikkommetti reat sesswali kontra t-tfal fi kwalunkwe pajjiż fl-UE jew barra l-UE jkun soġġett għal leġiżlazzjoni kriminali extraterritorjali uniformi, applikabbli fl-UE kollha;

Or. sv

Emenda 10
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 1

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali ta' mmaniġġjar ta' persuni ħatja ta' reati sesswali li jkunu jinkludu evalwazzjoni tar-riskju, kif ukoll programmi ta' intervenzjoni sabiex ir-risjku ta' reati ripetuti jiġi evitat jew imminimizzat, u terapiji disponibbli għall-persuni ħatja ta' reati sesswali fuq bażi volontarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 11
Roberta Angelilli

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 1

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali ta' mmaniġġjar ta' persuni ħatja ta' reati sesswali li jkunu jinkludu evalwazzjoni tar-riskju, kif ukoll programmi ta' intervenzjoni sabiex *ir-risjku* ta' reati ripetuti jiġi evitat jew imminimizzat, u terapiji disponibbli għall-persuni ħatja ta' reati sesswali ***fuq bażi volontarja;***	- il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali ta' mmaniġġjar ta' persuni ħatja ta' reati sesswali li jkunu jinkludu evalwazzjoni tar-riskju, kif ukoll programmi ta' intervenzjoni sabiex *ir-riskju* ta' reati ripetuti jiġi evitat jew imminimizzat, u terapiji disponibbli għall-persuni ħatja ta' reati sesswali;

Or. en

Emenda 12
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 1

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali ta'	- il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali ta'

mmaniġġjar ta' persuni ħatja ta' reati sesswali li jkunu jinkludu evalwazzjoni tar-riskju, kif ukoll programmi ta' intervenzjoni sabiex *ir-risjku* ta' reati ripetuti jiġi evitat jew imminimizzat, u terapiji disponibbli għall-persuni ħatja ta' reati sesswali fuq bażi volontarja;	mmaniġġjar ta' persuni ħatja ta' reati sesswali li jkunu jinkludu evalwazzjoni tar-riskju, kif ukoll programmi ta' intervenzjoni sabiex *ir-riskju* ta' reati ripetuti jiġi evitat jew imminimizzat, u terapiji disponibbli għall-persuni ħatja ta' reati sesswali fuq bażi volontarja; ***li jevitaw il-possibilità ta' demoralizzazzjoni minħabba l-kuntatt ma' kriminali oħra fil-ħabs;***

Or. en

Emenda 13
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 1

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali ta' mmaniġġjar ta' persuni ħatja ta' reati sesswali li jkunu jinkludu evalwazzjoni tar-riskju, kif ukoll programmi ta' intervenzjoni sabiex *ir-risjku* ta' reati ripetuti jiġi evitat jew imminimizzat, u terapiji disponibbli għall-persuni ħatja ta' reati sesswali fuq bażi volontarja;	- il-ħolqien ta' sistemi nazzjonali ta' mmaniġġjar ta' persuni ħatja ta' reati sesswali li jkunu jinkludu evalwazzjoni tar-riskju, kif ukoll programmi ta' intervenzjoni sabiex *ir-riskju* ta' reati ripetuti jiġi evitat jew imminimizzat, u terapiji disponibbli għall-persuni ħatja ta' reati sesswali fuq bażi volontarja. ***Tali programmi ta' intervenzjoni u terapja volontarja jistgħu jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE biex jiggarantixxu li l-benesseri tat-tfal ikun il-punt fokali fl-UE kollha;***

Or. sv

Emenda 14
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 1a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	- it-tisħiħ tal-approċċ imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem u ffukat fuq il-vittmi;

Or. en

Emenda 15
Jean Lambert

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 3

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-kriminalizzazzjoni tal-involviment f'attivitajiet sesswali ***mat-tfal (taħt jew 'il fuq mill-età tal-kunsens sesswali skont il-liġi nazzjonali)*** f'każi fejn jintużaw l-isfurzar, il-forza jew it-theddid, jew fejn ikun hemm abbuż minn pożizzjoni ta' fiduċja, ta' awtorità jew ta' influwenza fuq it-tfal, inkluż fil-familja, jew fejn isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, l-aktar minħabba diżabilità mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, jew fejn jingħataw flus jew forom oħra ta' ħlas jew kunsiderazzjonijiet bħala pagament għall-involviment tat-tfal f'attivitajiet sesswali;	- il-kriminalizzazzjoni tal-involviment f'attivitajiet sesswali ***ma' individwi 'il fuq mill-età tal-kunsens iżda taħt 18-il sena*** f'każi fejn jintużaw l-isfurzar, il-forza jew it-theddid, jew fejn ikun hemm abbuż minn pożizzjoni ta' fiduċja, ta' awtorità jew ta' influwenza fuq it-tfal, inkluż fil-familja, jew fejn isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, l-aktar minħabba diżabilità mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, jew fejn jingħataw flus jew forom oħra ta' ħlas jew kunsiderazzjonijiet bħala pagament għall-involviment tat-tfal f'attivitajiet sesswali;

Or. en

Emenda 16
Renate Weber

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 5

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-kriminalizzazzjoni tal-fatt ***li wieħed***	- il-kriminalizzazzjoni tal-fatt ***li wieħed***

jattendi konxjament għal preżentazzjonijiet pornografiċi li jinvolvu t-tfal jew li wieħed intenzjonalment iġiegħel lit-tfal sabiex jassistu għal abbuż jew għal attivitajiet sesswali;	***jisforza*** lit-tfal sabiex jassistu għal abbuż jew għal attivitajiet sesswali;

Or. en

Emenda 17
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 6

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-kriminalizzazzjoni ta' chat rooms pedofili jew fora pedofili fuq l-Internet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 18
Jean Lambert

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 6

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-kriminalizzazzjoni ***ta'*** *chat rooms* pedofili jew fora pedofili fuq l-Internet;	- il-kriminalizzazzjoni ***tal-isfruttament sesswali f'****chat rooms* pedofili jew fora pedofili fuq l-Internet;

Or. en

Emenda 19
Renate Weber

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 6

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-kriminalizzazzjoni ta' *chat rooms* pedofili jew fora pedofili fuq l-Internet;	- il-kriminalizzazzjoni ***tal-forniturі*** ta' *chat rooms* pedofili jew fora pedofili fuq l-Internet;

Or. en

Emenda 20
Roberta Angelilli

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 7

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-possibilità li l-aġenziji nazzjonali ta' infurzar jirrikjedu lill-fornituri tal-Internet sabiex jimblukkaw l-aċċess għal websajts li jintużaw għat-twettiq ta' reati, jew li jirreklamaw il-possibilità tat-twettiq ta' reati, stabbiliti f'konformità *tad*-Deċiżjoni Qafas;	- il-possibilità li l-aġenziji nazzjonali ta' infurzar jirrikjedu lill-fornituri tal-Internet sabiex jimblukkaw l-aċċess għal websajts li jintużaw għat-twettiq ta' reati, jew li jirreklamaw il-possibilità tat-twettiq ta' reati, stabbiliti f'konformità *mad*-Deċiżjoni Qafas; ***u jekk ma jirnexxilhomx jagħmlu dan, li jeżiġu t-tħassir tal-ismijiet tad-dominji rreġistrati użati għal dawn l-għanijiet;***

Or. en

Emenda 21
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 7

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-possibilità li l-aġenziji nazzjonali ta' infurzar jirrikjedu lill-fornituri tal-Internet	- il-possibilità li l-aġenziji nazzjonali ta' infurzar ***tal-liġi*** jirrikjedu lill-fornituri tal-

sabiex jimblukkaw l-aċċess għal websajts li jintużaw għat-twettiq ta' reati, jew li jirreklamaw il-possibilità tat-twettiq ta' reati, stabbiliti f'konformità *tad*-Deċiżjoni Qafas;	Internet sabiex ***jiffiltraw jew jagħlqu jew jimblukkaw*** l-aċċess għal websajts li jintużaw għat-twettiq ta' reati, jew li jirreklamaw il-possibilità tat-twettiq ta' reati, stabbiliti f'konformità *mad*-Deċiżjoni Qafas;

Or. en

Emenda 22
Inger Segelström

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 7 a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	- l-appoġġ għall-isforzi tal-Kummissjoni f'koperazzjoni mal-kumpaniji l-kbar tal-karti tal-kreditu biex jinvestigaw jekk ikunx teknikament vijabbli li jingħalqu jew jiġu ostakolati s-sistemi ta' ħlas permezz tal-Internet għal websajts involuti fil-bejgħ fuq l-Internet ta'pornografija tat-tfal; kif ukoll it-tħeġiġ ta'operaturi ekonomiċi oħra, bħal banek, bureaux de change, fornituri tal-Internet u l-kumpaniji tal-magni tat-tiftix biex jieħdu sehem attiv fl-isforzi kontra l-pornografija tat-tfal u għamliet oħra ta' sfruttament sesswali kummerċjali tat-tfal;

Or. sv

Emenda 23
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 7 b (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	- it-tħeġġiġ tal-Istati Membri biex jipprovdu lill-ġenituri bi programmi ħfief biex jitħaddmu, li jippermettulhom li jimblukkaw l-aċċess tat-tfal għal websajts pornografiċi;

Or. en

Emenda 24
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 7 b (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	- it-titjib tar-regoli ta' proċedura nazzjonali sabiex jitħeġġeġ u jitħaffef l-aċċess ta' vittmi ta' sfruttament sesswali għall-awtoritajiet tal-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi sabiex il-proċeduri ġudizzjarji jsegwu l-kors naturali tagħhom;

Or. en

Emenda 25
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 7 d (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	- l-adozzjoni ta' miżuri biex iħeġġu l-vittmi ta' sfruttament sesswali jressqu rikorsi kriminali u ċivili fil-qrati nazzjonali kontra persuni li jwettqu reati sesswali;

Or. en

Emenda 26
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 8

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- ir-reviżjoni tal-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas, li jipprovdi biss bażi minima għall-prevenzjoni ta' persuni misjuba ħatja ta' reati sesswali milli jiksbu aċċess għat-tfal permezz ta' impjieg jew attivitajiet voluntarji li jinvolvu kuntatt regolari mat-tfal, inter alia billi l-Istati Membri jiġu meqjusa li għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-applikanti għal ċerti pożizzjonijiet ta' xogħol mat-tfal ikollhom il-kondotta tagħhom ċċekkjata, u li joħolqu linjigwida ċari għal min iħaddem dwar l-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward;	- ir-reviżjoni tal-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas, li jipprovdi biss bażi minima għall-prevenzjoni ta' persuni misjuba ħatja ta' reati sesswali milli jiksbu aċċess għat-tfal permezz ta' impjieg jew attivitajiet voluntarji li jinvolvu kuntatt regolari mat-tfal, inter alia billi l-Istati Membri jiġu meqjusa li għandhom l-obbligu li jiżguraw li ***fis-suq tax-xogħol tal-UE*** l-applikanti għal ċerti pożizzjonijiet ta' xogħol mat-tfal ikollhom il-kondotta tagħhom ċċekkjata, u li joħolqu linjigwida ċari għal min iħaddem dwar l-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 27
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 8

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- ir-reviżjoni tal-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas, li jipprovdi biss bażi minima għall-prevenzjoni ta' persuni misjuba ħatja ta' reati sesswali milli jiksbu aċċess għat-tfal permezz ta' impjieg jew attivitajiet voluntarji li jinvolvu kuntatt regolari mat-tfal, inter alia billi l-Istati Membri jiġu meqjusa li għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-applikanti għal ċerti pożizzjonijiet ta' xogħol mat-tfal ikollhom	- ir-reviżjoni tal-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas, li jipprovdi biss bażi minima għall-prevenzjoni ta' persuni misjuba ħatja ta' reati sesswali milli jiksbu aċċess għat-tfal permezz ta' impjieg jew attivitajiet voluntarji li jinvolvu kuntatt regolari mat-tfal, inter alia billi l-Istati Membri jiġu meqjusa li għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-applikanti għal ċerti pożizzjonijiet ta' xogħol mat-tfal ikollhom

il-kondotta tagħhom *ċċekkjata*, *u li joħolqu linjigwida* ċari għal min iħaddem dwar l-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward;	il-kondotta tagħhom *iċċekkjata*, ***u jsirulhom eżamijiet psikjatriċi***, *inkluż il-ħolqien ta' linji gwida* ċari għal min iħaddem dwar l-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 28
Renate Weber

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 10

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-ħelsien ta' ċerti gruppi professjonali mill-obbligu tal-kunfidenzjalità, meta persuna tiltaqa' ma' informazzjoni dwar reat stabbilit skont id-Deċiżjoni Qafas jew għandha raġuni serja biex temmen li reat bħal dan seta' twettaq, f'każijiet fejn l-informazzjoni tiġi direttament mill-vittmi tal-abbuż sesswali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 29
Jean Lambert

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 11

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- l-obbligu ta' ***professjonisti f'***kuntatt mat-tfal li jirrappurtaw sitwazzjonijiet fejn dawn ikollhom biżżejjed raġunijiet biex jissuspettaw abbuż;	- l-obbligu ta' ***dawk li xogħlhom jinvolvi*** kuntatt ***regolari*** mat-tfal li jirrappurtaw sitwazzjonijiet fejn dawn ikollhom biżżejjed raġunijiet biex jissuspettaw abbuż;

Or. en

Emenda 30
Nicolae Vlad Popa

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 12

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- it-titjib tal-identifkazzjoni ta' tfal abbużati permezz tat-taħriġ tal-istaff li jkollu kuntatt kontinwu magħhom;	- it-titjib tal-identifkazzjoni ta' tfal abbużati permezz tat-taħriġ tal-istaff li jkollu kuntatt kontinwu magħhom ***u permezz tat-taħriġ tal-persunal tal-infurzar tal-liġi li jista' jiġi f'kuntatt ma' tfal abbużati;***

Or. en

Emenda 31
Roberta Angelilli

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 13

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- ***l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni*** tat-tfal fi proċeduri quddiem il-qorti sabiex tiġi evitata trawma billi jiġu previsti ċerti arranġamenti dwar il-mod ta' kif tinġabar evidenza minn vittmi tfal permezz ta' intervisti;	- ***l-iżgurar tal-aqwa protezzjoni*** tat-tfal fi proċeduri quddiem il-qorti ***kif ukoll matul l-investigazzjonijiet,*** sabiex tiġi evitata trawma billi jiġu previsti ċerti arranġamenti dwar il-mod ta' kif tinġabar evidenza minn vittmi tfal permezz ta' intervisti;

Or. en

Emenda 32
Roberta Angelilli

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 14

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
- il-projbizzjoni ta' riklami li jħeġġu ***attivitajiet li hemm ċans tajjeb li jwasslu għall-użu ta' servizzi li jippermettu*** l-ikkummissjonar ta' reati stabbiliti skont id-Deċiżjoni Qafas;	- il-projbizzjoni ta' riklami li jħeġġu l-ikkummissjonar ta' reati stabbiliti skont id-Deċiżjoni Qafas;

Or. en

Emenda 33
Edit Bauer

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt f - inċiż 15 a (ġdid)

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
	- it-tħeġġiġ tal-Istati Membri biex jieħdu kull miżura meħtieġa biex jevitaw id-diskriminazzjoni kontra l-vittmi tal-abbuż tat-tfal u l-istigmatizzazzjoni tagħhom,

Or. en

Emenda 34
Renate Weber

Proposta għal rakkomandazzjoni
Paragrafu 1 - punt g

Proposta għal rakkomandazzjoni	*Emenda*
(g) li tittieħed azzjoni flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni mmirata għall-ħolqien ta' bażi ta' data komuni Ewropea li tiġbor stampi ta' abbuż tat-tfal;	***imħassar***

Or. en